IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 34 (Laghqa B`Urgenza)

17 ta` Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta neqsin ghoxrin ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

## 34.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta` apoloġija tas-Sur Eman Zerafa fejn spjega li kien ser jattendi ftit tard minhabba ragunjiet ta` xoghol. Din l-ittra giet milqugha bi qbil unanimu.

## 34.2 Diskussjoni dwar diversi temi importanti

Is-Sindku qal li matul dawn ix-xhur qed jinnota li f`ghajn in-nies, il-Kunsill qed jidher li mhu qed jaghmel xejn. Is-Sur Boxall zied jghid li l-popolin qed jibghat lill-Minstru, lis-Segretarju Parlamentari u l-Prim Ministru dirett. Is-Sur Boxall spjega li l-Kunsill ircieva ittra li ghaddiet lis-Segretarju Parlamentari minghand residenta mill-Birgu dwar il-problema tal-sleeping policeman, dwar il-parkegg tal-pjazza u dwar il-karrozzi pparkjat fin-nofs. Il-Vici Sindku qara -ittra li giet mghoddija fuq facebook page dwar din is-sitwazzjoni tal-parkegg bl-addocc.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva ittra li resident mill-Birgu bghat lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Silvio Parnis dwar il-parkegg f`Xatt ir-Rizq u ghal din l-email, l-Onorevoli Parnis wiegeb ghal din l-ittra.

Dwar Triq Desain, is-Sindku qal li l-Kunsill kien ilu sena u nofs jistenna u jiehu torturi kollha sabiex titlesta din it-triq.

Is-Sindku qal li huwa minn naha tieghu bghat l-ittri u l-emails kollha lil awtoritajiet ikkoncernati dwar xoghlijiet pendenti li jridu jsiru fil-lokalita.

Is-Sur Attard qal li l-ufficjali mill-OPM mhux jitkellem mall-Kunsill imm ha pozizzjoni wahdu minghajr ma jikkunsulta mall-Kunsill.

Is-Sur John Boxall qal  li kellem lis-Sur Ray Zammit fejn qallhu li l-Kunsill irid kamera l-pjazza u li anke l-Kunsill huwa lest sabiex ihallasha u dan ghal fatt li l-pjazza qed tkun rebus. Il-Kunsill ghandhu zewg zoni proposti fejn jixtieq jaghmel il-kameras gewwa l-pjazza. Dwar dan il-punt is-Sur Gellel qal biex il-Kunsill johrog bis-suggeriment li l-Kunsill Lokal jinghata l-

awtorita biex jimpjega l-gawrdjani lokali mieghu u wara certu zmien (xahar) jinbidel il-gwardjan u dan sabiex jinzamm kontroll tal-parkegg illegali.

Is-Sur Mizzi u Sur Gellel hargu bis-suggeriment li tintlab issir laqgha pubblika sabiex il-Kunsill ikollu cans li jispjega dak li qed jigri u kif il-Kunsill qieghed kontinwament jikkomunika mall-awtoritajiet kkoncernati sabiex jsiru diversi xoghlijiet fil-lokalita tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil li laqgha ssir gewwa l-Berga tal-Ingilterra.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ntbaghtet ittra lill-Onorevoli Dr.Owen Bonnici dwar l-attegjament tal-haddiema li jaghqu taht ir-Restoration Unit. Is-Sur Boxall qal li jekk l-Onovervoli Bonnici ma jwigibx ghal din l-ittra, ser jinforma lill-Prim Ministru.

6.30pm  Is-Sur Eman Zerafa dahal fil-kamra biex isegwi laqgha.

Is-Sur Boxall ssugeriexa li ghalissa jigu ffriskati sinjali ta` ma` dawra tal-pjazza u jkun hemm sorveljanza mill-pulzija u l-wardens u l-parkegg ta` nofs jibda jitnehha bil-mod il-mod.

Gie diskuss il-possibilita li l-iskema tal-parkegg tinbidel u l-parkeggi jsiru bil-kulur bhal ma` hemm il-belt Valletta.

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li xoghlijiet fis-sala kwazi lesti u propona sabiex l-art ta` din is-sala jigi bil-madum u li jinxtraw sitt siggijiet puliti ghaliha.  Is-Sindku qal li meta din il-kamra tkun lesta jixtieq li tigi nnawgurata  u li ghal din l-inawgurazzjoni jigu mistiedna il-benefatturi kollha bin-nisa taghhom. Is-Sur Gellel qal li ghandna niehdu hsieb naghmlu xi tokens.

Is-Sur Boxall qal li gie avvicinat lil-MTF sabiex il-Kunsill joffri kamra lill-istess Fondazzjoni sabiex tintuza bhala ufficju. Il-flus tar-restawr tal—kamra ser jinghata mill-istess Fondazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nkitbet ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jghin finanzjarjament lill-Kunsill sabiex issir mill-gdid parti mill-hadid ta` tarag ta` Couvre Porte.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li giet imweghda lill-Kunsill is-somma ta` €150,000 minn naha tas-Sur Tony Zahra biex issir it-Torri tal-Arlogg jekk dan isir.

Waqt laqgha li kellu Sindku flimkien mall-Vici Sindku gewwa Bodrum, geit diskussa l-possibilita li jsir ftehim malll-Belt ta` Betlehem u ma` pajjizi ohra sabiex issir Memorandum of Understanding.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li fil-Birgufest 2017 ser jigi ospitat is-Sindku ta` Bodrum bis-Sinjura tieghu u li x`aktarx gej is-Sindku ta` Betlehem u l-guest mieghu. Dwar dan ghad m`hemmx konferma.

## 34.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-sebgha u kwart ta` filghaxija (7:15pm) u ġiet aġġornata l-laqgha Nru 35 ghall-Hamis 27 ta` Lulju 2017 fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm)

Konfermati 27 ta` Lulju 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |